**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta , 29 ta', April, 2025**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Guramentat Numru:- 1240/2020 JVC**

2R's Limited (C 61760)

Vs

Edward Cassar Torregiani (ID 0389244M)
Joan Cassar Torregiani (ID 163537M)
Vanessa Brincat Rossignaud (ID522278M)
Stephanie Rossignaud (ID 288788M)
Jonathan Aquilina (ID 217801L), Audrey Aquilina (ID 21541L) u John Paul Aquilina (ID 448747M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti 2R's Limited (C61760) illi permezz tieghu premettiet u talbet kif isegwi:

1. Illi permezz ta' konvenju redatt minn Nutar Malcolm Mangion tat-31 ta' Awwissu 2017, li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata DOK A, l-intimati Edward Cassar Torregiani u Joan Cassar Torregiani kienu obbligaw ruhhom illi ibieghu lill-eponenti li obbligat ruhha illi takkwista s-sehem ta' ¾ jew kwalunkwe sehem akbar li huma jista ikollhom tal-fond Villa Leone ossija,

a. Dar flimkien mal-gnien retropost numru 61, u zewg garaxxijiet adjacenti numerat 60 u 62 Triq il-Kbira, San Giljan flimkien ma l-arja u s-sottoterran

b. Il-fond ossija access ghall-istess gnien numerat 35, gia 16, f' Telghat Birkirkara, San Giljan

Kif ahjar deskritti l-imsemmi konvenju u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm miftiehma u dan versu l-prezz ta' €4,800,000 ghas-sehem intier tal-proprjeta.

2. Illi dan il-konvenzju gie debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi interni u kien validu sal-4 ta' Dicembru 2020

3. Illi permezz ta' konvenju iehor tal-4 ta' Dicembru 2017 li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok , l-intimati Vanesssa Brincat Rossignaud, Stephanie Rossignaud, Jonathan Aquilina, Audrey Aquilina, John Paul Aquilina kienu obbligaw ruhhom illi jitrasferixxu lill-esponenti li obbligat ruhha li takkwista s-sehem ta' 1/3 mill-istess fond u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm.

4. Illi dan il-konvenju gie debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi interni u kien validu sal-4 ta' Dicembru 2020.

5. Illi ghalhekk jirrizulta illi l-intimati bejniethom qeghdin jikkontendu s-sehemijiet rispettivi taghhom u dan stante illi filwaqt li l-intimati Rossignaud jikkontendu illi ghandhom sehem ta' 1/3 bejniethom, l-intimati Cassar Torregiani qeghdin jippretendu illi sehem taghhom huwa ta' ¾ b'konsegwenza illi parti minnhom qeghda tippretendi illi tbiegh lill-esponenti sehem li m'hijiex taghha.

6. Illi l-esponenti interpella lill-intimati sabiex jerqsu ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' bejgh finali permezz ta' zewg ittri ufficjali hawn annessi u mmarkata Dok C u D. Pero, minkejja dan, huma xorta wahda baqghu inadempjenti.

7. Illi l-esponenti ovjament, anki kunsidrat l-investiment sostanzjali li ser jaghmel fil-proprjeta in kwistjoni dejjem eziga u ppretenda illi kull pretensjoni jew dizgwit li l- intimati

jista ikollhom fuq is-sehem li huma obbligati li jitrasferixxu lill-esponenti tigi rizolta qabel ma issir l-kuntratt ta' bejgh finali, u minkejja dan l-intimati kienu baqghu inadempjenti.

8. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment u qieghed jikkonfermahom bil-gurament.

Ghaldaqstant l-esponenti qeghda titlob lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna, taqta u tiddeciedi l-kawza billi;

1. Tordna lill-konvenuti sabiex f'data hin u lok ffissati minn din l-Onorabbli Qorti jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' bejgh finali skond il-pattijiet u kundizzjonijiet miftiehma fil-konvenji tal-31 ta' Awwissu 2017 u 4 ta' Dicembru 2017, pero ghall-bejgh tas-sehem rispettiv taghhom mill-fond 61 Villa Leone, Triq il-Kbira , San Giljan flimkien mal-garaxxijiet adjacenti numerati 60 u 62 bil-gnien retropost kif ukoll l-access ghall-istess gnien numru 35 f'Telghet Birkirkara, San Giljan inkluz l-arja kif ahjar deskritti fl-imsemmija konvenju.

2. Tiddetermina kull sehem li l-intimati ghandhom individwalment mill-fond 61 Villa Leone, Triq il-Kbira, San Giljan flimkien mal-garaxxijiet adjacenti numerati 60 u 62 bil-gnien retropost kif ukoll l-access ghall-istess gnien numru 35 f'Telghet Birkirkara, San Giljan inkluz l-arja kif ahjar deskritti fl-imsemmija konvenju.

3. Tordna illi kull wiehed mill-intimati ghandu jithallas mir-rikavat tal-bejgh pro-rata skond is-sehem li kull parti ghandha mill-prezz tal-bejgh.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att defninittiv ta' bejgh.

5. Tahtar kuraturi deputati sabiex jipprapprezentaw lill-konvenuti jew min minnhom fuq l-att ta' bejgh finali f'kas illi huma xorta jibqghu kontumaci

6. B'mod sussidjarju u kemm il-darba il-bejgh ma ikunx jista issir skond il-pattijiet u kundizzjonijiet miftiehma fil-konvenji tal-4 ta' Dicembru 2017 u tal- 31 ta' Awwissu 2017 tiddikjara illi l-konvenuti naqqsu milli jonoraw l-obbligi minnhom assunti permezz tal-konvenju gia la darba ma humiex f'posizzjoni illi jitrasferixxu l-proprjeta skont il-pattijiet u kundizzjonijiet miftiehma

7. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici minhabba l-inadempjenza ta l-istess konvenuti

8. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa ngunti ghas-subizzjoni'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati kollha li taqra kif isegwi:

'Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghal diversi ragunijiet partikolarment is-segwenti:

**Preliminarjament:**

1. It-Tabib Dottor John Aquilina iffirma l-konvenju fil-kapacita' tieghu ta' prokuratur specjali ta' uliedu Jonathan Aquilina u Audrey Aquilina illum Miceli Demajo u mhux fil-vesti tieghu personali, ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-giudizzju;

2. In-nuqqas tal-integrita' tal-gudizzju billi Raymond Zammit (ID 250659M) iffirma il-konvenju tal-4 ta' Dicembru 2017 fejn personalment u solidalment iggarantixxa l-obbligi assunti mis-socjeta' attrici u ghalhekk kellu personalment ikun parti f'din il-kawza;

3. It-talbiet attrici ma jistghux illum jigu diretti kontra Joan Cassar Torreggiani, billi b'kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Daniela Mifsud Buhagiar fil-25 ta' Mejju 2018 hi ttrasferiet lill-huha Edward Cassar Torreggiani, b'donazzjoni rrevokabbli, sehemha mill-propjeta' mertu tal-kawza, apparti propjeta' ohra, kif jirrizulta mill-kuntratt hawn anness u markat Dok K.

**Fil-mertu:**

4. It-talbiet attrici ma jistghux jigi milqugha, mhux minhabba xi nuqqas jew inadempjenza tal-konvenuti, izda minnhabba il-fatt li l-konvenji huma soggetti ghall-kondizzjoni rizoluttiva favur is-socjeta' attrici li din tinghata permess mill-awtoritajiet kompetenti ghal bini ta' lukanda ta' mhux anqas minn 63 kamra, "*fil-waqt li jekk dan il-permess ma johrogx, il-kompratur ikollu dritt unilaterali li ma jersaqx ghall-att finali u dan minghajr penalita*" (para (x) tal-konvenju tal-4 ta' Dicembru 2017). Sia fid-data tal-iskadenzi tal-konvenji, kif hekk estizi, u sia fiz-zmien li nfethu dawn il-proceduri il-process ghall-hrug tal-permess skont kif miftiehem fuq il-

konvenji kien ghadu pendenti. Fil-fatt l-applikazzjoni ghall-permess, PA 5206/18 giet michuda mill-Awtorita' taI-Ippjanar, u s-socjeta' attrici appellat minn din d-decizjoni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, l-appell ghadu pendenti u jinsab differit ghat-23 ta' Marzu 2021 (Appell Nru 279/19).

5. Is-socjeta' attrici ma tistax tinterpella lill-konvenuti b'ittra ufficjali u b'kawza, biex l-istess konvenuti jersqu ghall-att finali, skond il-kondizzjonijiet patwiti fil-konvenju, meta hi perfettament ghall-kurrent li dan mhux possibbli billi l-permess ma nghatax. Jirrizulta ghalhekk li din l-kawza saret semplicement biex s-socjeta' attrici tirbah aktar zmien billi l-konvenuti rrifjutaw li jergghu ggeddu il-konvenju wara l-4 ta' Dicembru 2020. Dan hu atteggjament abbuziv tas-sistema giudizzjarja u jimmerita s-sanzjoni.

6. Fl-ittri ufficjali 4220/2020 u 4221/2020 ipprezentati fl-4 ta' Dicembru 2020 is-socjeta' attrici tiddikjara li qed tipprocedi fit-termini tal-artikolu 1357 tal-Kap 16, pero' dan japplika ghall-kaz fejn il-kuntratt ikun jista' jsir, izda wahda mill-partijiet, minghajr raguni valida tonqos li tersaq ghall-publikazzjoni tal-kuntratt. Fil-kaz in ezami, l-kuntratt finali ma jistax jsir mhux ghax l-konvenuti ingustament qed jirrifjutaw li jersqu ghall-kuntratt, izda ghar-raguni li l-konvenju hu soggett ghall-kondizzjoni tal-permess u permess ma hemmx.

7. Is-socjeta' attrici timputa inadempjenza da parti tal-konvenuti, billi ma qablux fuq il-kwoti ta sehemhom fil-propjeta'; din hi allegazzjoni infondata billi gie espressament miftiehem fil-konvenju li l-prezz kien jirriferi

ghall-intier tal-propjeta'; saret rizerva li kellhom jsiru d-debiti ricerki u verifiki dwar il-kwoti ; u li l-partijiet kellhom jithallsu pro rata sehemhom mill-intier, skond kif din tigi verifikata u determinata.

8. It-tieni talba tas-socjeta' attrici hi ghalhekk superfluwa u rrelevanti billi sehem il-venditurі individwalment fil-propjeta' kellu jigi determinat mir-ricerki qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Ma hemmx lok ghall-kawzi dwar dan, din it-talba hi konferma ulterjuri li s-socjeta' attrici trid tinqeda b'dawn il-proceduri biex takkwista z-zmien.

9. Dwar it-termini miftehma ghat-tigdid tal-konvenji, dak iffirmat fil-31 ta' Awissu 2017 kellu validita' sa 9 xhur minn meta jigi ffirmat l-konvenju mall-propjetarji l-ohra, li gie iffirmata fl-4 ta' Dicembru 2017, cioe' sal-4 ta' Settembru 2018. Wara seta' jiggedded ghall-3 xhur, darbtejn cioe' sal-4 ta' Marzu 2019. Ghalkemm strettament ma kienx hemm obbligu ghall-tigdied ulterjuri, dan il-konvenju ggedded diversi drabi ohra sal-4 ta' Dicembru 2020.

10. Il-konvenju iffirmat fl-4 ta' Dicembru 2017u li kien jiskadi fl-4 ta' Settembru 2018, seta jiggedded darbtejn ghal 3 xhur, cioe' 6 xhur sal-4 ta' Marzu 2019, u jekk ma jkunx hareg il-permess jiggedded skond l-opinjoni tal-perit kemm kien jinhtieg zmien biex tigi determinata l-applikazzjoni. Il-perit ddikjara li kien jinhtieg zmien ta' 6 xhur u ghalhekk il-konvenju ggedded ghal 6 xhur, cioe' sal-4 ta' Settembru 2019. Il-konvenuti ma kienux obbligati iggeddu il-konvenju ulterjorment, wara l-4 ta' Settembru 2019, ghalkemm fil-fatt bonarjament geddew ghal tlett darbiet ohra sal-4 ta'

Dicembru 2020. Ghall-precizjoni fit-2 ta' Settembru 2019 iggedded sal-4 ta' Marzu 2020; fis-26 ta' Frar 2020 iggedded sal-4 ta' Settembru 2020 u fit-2 ta' Settembru 2020 iggedded sal-4 ta'Dicembru 2020.

11. Is-socjeta' attrici qed tipprettendi illegalment li l-konvenju jibqa' jiggedded indefinitivament u ma tonorax dak li gie espressament miftiehem fil-konvenju dwar it-termini ta' tigdied tal-istess.

12. Is-socjeta' attrici fis-sitt talba taghha, jekk il-bejgh ma jkunx jista' jsir skond il-kondizzjonijiet miftehma fil-konvenju, qed titlob dikjarazzjoni li l-konvenuti naqqsu milli jonoraw l-obbligi taghhom. Din hi talba manifestament infondata billi l-kuntratt ma jistax jssir ghax is-socjeta' attrici ma nghatatx il-permess minnha mitlub ta' lukanda ta' mhux anqas minn 63 kamra, u mhux minnhabba xi nuqqas da parti tal-konvenuti.

13. Is-socjeta' attrici, fis-seba' u t-tmien talbiet qed titlob li jigu likwidati d-danni minnha sofferti minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti, u li jigu kkunndannati jhallsu in solidum id-danni hekk likwidati. Is-socjeta' attrici ma ghandha l-ebda dritt tippretendi danni mill-konvenuti, li dejjem onoraw l-obbligi minnhom assunti; ghall-kuntrarju, huma dovuti danni lill-konvenuti mis-socjeta' attrici, li minghajr l-ebda awtorizazzjoni, unilateralment u illegalment, waqqghet parti mill-hajt konfinanti il-gnien retropost ghall-Villa li jghati ghat-triq B'Kara Hill, St Julians, u bniet xi filati bil-bricks. Fil-konvenju, is-socjeta' attrici ma naghtax il-fakolta' li twaqqa' parti minn dan il-hajt, jew li taghamel xi xoghol, kif effettivament ghamlet.

14. It-talbiet attrici ghandhom ghalhekk jigu michuda.

15. Salv eccezzjonijiet ultejuri permessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez, u b'rizerva ghall-kull azzjoni inkluza dik ghad-danni.'

Rat ir-rikors tal-intimat Cassar Torregiani datata l-1 ta' Frar, 2023 a fol. 1091 et seq tal-process fejn talbu li jigu awtorizzati jressqu eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-konvenju tal-31 t'Awwissu, 2017 ma kienx ghadu validu. Rat ir-risposta u rat id-digriet taghha tas-27 ta' April, 2023 fejn cahdet it-talba ghar-raguni kif isegwi:

'Stante illi l-eccezzioni ulterjuri li l-intimati qed jittentaw li jigu awtorizzati jiprezentaw fl-atti setghet facilment tinghata fil-bidu tal-proceduri, ghaliex tirreferi ghal fatti li allegatament sehhew qabel l-intavolar tal-kaz odjern, il-Qorti tichad it-talba sabiex tigi ntavolta eccezzjoni ulterjuri;

Illi fi kwalunkwe kaz izda in vista tan-natura tat-talbiet fil-kaz odjern jinkombi xorta wahda fuq ir-rikorrenti li jippruvaw fl-atti l-validita' tal-konvenji li fuqhom ged isejsu t-talba taghhom u jinkombi wkoll fuq din il-Qorti li taghmel l-ezami tal-istess fid-decizjoni taghha, ghaldaqstant fi kwalunkwe kaz ma' tqisx li hemm in-necessita' li titqajjem eccezzioni ad hoc f'dan ir-rigward.'

Rat illi fil-verbal ta' din il-Qorti tas-16 ta' Mejju, 2024 gie dekretat kif isegwi:

'Tqis li sabiex ikollha l-istampa kollha tal-fatti mertu ta' dawn il-proceduri ghandha tigi prezentat kopja ta' dan is-side agreement,

imbaghad tiddeceidi l-Qorti stess ir-relevanza o meno tieghu ghal dawn il-proceduri; tilqa' t-talba u tordna lis-socjeta' rikorrenti tesebixxi kopja tas-side agreement.'

Rat illi permezz ta' digriet datat 13 ta' Gunju, 2024 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jiprezentaw noti ta' sottomissjonijiet f'termini mposti fuqhom.

Rat il-konvenji, affidavits, xhieda, kontro-ezamijiet, pjanti, applikazzjonijiet, ricerki u provi kollha fl-atti.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta' rikorrenti titlob, skontha fit-termini tal-artikolu 1357 tal-Kap 16, Kodici Civili ta' Malta, li din il-Qorti tordna lill-intimati jersqu ghall-atti finali dwar xiri ta' proprjeta' li effettivament hija wahda shiha cioe' dar bil-gnien izda d-derivazzjoni tal-gnien u d-dar hija diversa stante li ssostni li l-intimati gew interpellati sabiex jersqu ghall-kuntratt u dawn naqsu milli jaddivjenu, ghalhekk giet intavolata l-kawza odjerna. Ghalkemm proprjeta' wahda saru zewg konvenji wiehed mal-intimati Cassar Torregiani ghax-xiri ta' 3/4 mill-proprjeta' u wiehed mal-intimati l-ohra ghax-xiri ta' 1/3 tal-proprjeta'. Is-socjeta' rikorrenti ssostni li in vista tad-divergenza fis-sehem reklamat mill-intimati rispettivi, din il-Qorti ghanda tiddetermina hi stess l-ishma, tordna hi kif ghandu jithallas u jigi spartit ir-rikavat

lill-intimati u f'kaz li skont is-socjeta' rikorrenti ma jkunx jista' jsir il-bejgh, tillikwida danni favur taghha.

L-intimati da parti taghhom iqajmu eccezzjonijiet preliminari dwar il-*locus standi* ta' Joan Cassar Torregiani u t-Tabib John Aquilina filwaqt li fil-mertu jsostnu li n-nuqqas li sar il-kuntratt ta' bejgh gie da parti tas-socjeta' rikorrenti stess ghar-raguni li baqa' ma harigx il-permess ta' zvilupp indikat fil-konvenji fejn isostnu li din kienet kundizzjoni risoluttiva u l-istess li baqa' ma harigx il-'loan' tal-bank lis-socjeta' rikorrenti. L-intimati jinsistu li s-socjeta' rikorrenti qed tabbuza mill-proceduri odjerni sabiex ittawwal iz-zmien u zzommhom marbutin maghha ghal zmien indeterminat u mhux ghax verament kienet f'posizzjoni li tersaq ghall-kuntratt u ntavolat din il-kawza ghaliex huma ma riedux igeddu ulterjorment.

**Provi:**

Rat il-kopja tal-konvenju bejn ir-rikorrent u l-intimat Cassar Torreggiani datat 31 ta' Awwissu, 2017 a fol. 6 tal-process fejn ir-rikorrenti obbligat li takkwista minghandhom ¾ tal-ambjenti indikati fl-istess konvenju bil-prezz indikat ghas-sehem shih u bil-kundizzjonijiet kif esposti fl-istess. Rat partikolarment il-kundizzjoni (x) sa (xii) tal-istess li jaqraw kif isegwi:

'x) Dan il-konvenju huwa suggett ghal kundizzioni rizoluttiva a favur il-Kumpratur li fuq il-Propjeta ikun hrug ta' Permessi mil-awtoritajiet kompetenti ghal bini ta Lukanda ta mhux anqas minn 63 kmamar, filwaqt li jekk dan il-permess ma johrogx, il-kumpratur ikolli dritt unilaterali li ma jersaqx ghal att finali minghajr penalita'. Illi l-Vendituri qeghdin hawn jaghtu permess lil Kumpratur sabiex japplika ghal permessi u liema permess ha jigi applikat a modalita' u skematika fid-diskrezzjoni tal-Kumpratur. Illi l-permess ha jigi

applikat wara li r-ricerki jigu stabbiliti min-Nutar Malcolm Mangion u wara li l-Kumpratur jakwista r-rimanenti sehem indiviz mil-Propjeta ma terzi.

(xi) Dan il-konvenju huwa suggett ukoll li il-kumpratur jottjeni self minn bank lokali ghal xiri u tlestija tal-propjeta in vendita sabiex din tigi zvillupata ghal lukanda.

(xii) Dan il-konvenju jibqa' validu ghal disa' (9) xhur minn meta jigi iffirmat il-konvenju mas-sidien tal-propjetarji l-ohra u l-partijiet qeghdin jallokaw it-terminu ta' sitt (6) xhur ghal tali firmar tal-konvenju ma terzi, pero I-Kumpratur qed izomm id-dritt li kemm il darba sa tali sitt (6) xhur ma jkunx irnexxielu jasal ghal tali ftehim bonarju, hu izomm id-dritt li jutilizza l-effetti tal-artikolu 495A tal-Kodici Civili ghal-permess tal-Qorti sabiex jigi awtorizzat jiprocedi ghall-intier u ftali kas ta' applikazzioni ta Qorti l-effetti tad-durata tal-konvenju sabiex jirranga ma terzi jitwalu ghal tmintax il xahar. Illi I-kumpratur ghandu dritt li l-att finali jigi pubblikat f'kull zmien qabel l-iskadenza tal-konvenju u l-vendituri jkunu obbligati li jersqu ghal pubblikazzjoni tal-bejgh. Jibqa miftiehem bejn il-partijiet illi fil-kaz illi il-permess tal-bini ghal hotel ma jkunx ghadu hareg, dan il-konvenju ghandu jigi imgedded ghal-tlett xhur fuq id-dati hawn stipulati minghajr bzonn ta firem ulterjuri u dan sa massimu ta darbtejn.

(xiii) Soggett li l-ko-propjetarji l-ohra tal-propjeta in vendita jbieghu s-sehem taghhom lil kumpratur bil-pattijiet a pjaciment tal-Kumpratur'

Rat it-tieni konvenju datat 4 ta' Dicembru, 2017 bejn ir-rikorrenti, Raymond Zammit personalment bhala garanti u l-intimati l-ohra a fol. 9 tal-process fejn jissemma li qed jobbligaw ruhhom li

jitraferixxu terz indiviz tal-proprjeta' bl-istess prezz shih indikat fl-ewwel konvenju.  Rat li l-konvenji mhumiex identici u taghmel referenza partkolari ghall-klawzola numru (xii) li taqra kif isegwi:

(xii) Dan il-konvenju jiskadi fl-erbgha ta' Settembru elfejn u tmintax (2/8/2018). Ili l-Kumpratur nomine ghandu dritt li l-att finali jigi ppubblikat f'kull mien qabel l-iskadenza tal-konvenju u l-Vendituri jkunu obbligati li jersqu ghal pubblikazzjoni tal-bejgh. Jibqa' miftiehem bejn il-partjiet ill fil-kaz illi il-permess tal-bini ghal hotel ma jkunx ghadu hareg, dan il-konvenju ghandu jigi imgedded ghal-tlett xhur fuq id-data hawn stipulata minghajr bzonn ta' firem ulterjuri u dan sa massimu ta' darbtejn. Illi kemm il darba wara dan it-terminu hawn maqbul kif estiz ikun ha jiskadi u tali permess ma jkunx ghadu gie approvat minghajr appell, allura gimghatejn qabel l-ahhar skadenza kif estiza, l-Kumpratur nomine irid javza lil Vendituri jew wiehed/wahda minnhom li l-Permess ghadu pendenti u l-Vendituri iridu jaghzlu Perit tal-ghazla taghhom sabiex dan jevalwa tali applikazzioni u jaghti zmien li fl-opinjoni tieghu hu necessarju sabiex tali permess applikat ikun mahrug minghajr possibilita' ta rivalsa, u l-Vendituri iridu qabel l-iskadenza jiltagghu mal-Kumpratur nomine sabiex igeddu tali konvenju ghat-terminu hekk kif stabbilit mil-Perit imqabbad mil-Vendituri. Kemm il darba l-Vendituri ma jqabbdux Perit jew il Perit taghhom ma jikkomunikax ir-risposta tieghu sa' hames granet qabel jiskadi l-konvenju, I-Kumpratur jinkarigaw lil Perit taghhom sabiex jaghti tali zmien hu/hi u t-terminu moghti mit-Tieni Perit imqabbad mil-Kumpratur ikun dak li l-partijiet iridu jzommu mieghu.'

Anki l-modalita' ta' pagament hija diversa fis-sens li f'dan il-konvenju il-vendituri jithallsu s-somma dovuta direttament mal-kuntratt filwaqt li fil-kaz tal-ewwel konvenju l-modailta' ta'

pagament tipprovdi ghal stadji ta' pagament wara li jkun sehh il-kuntratt.

Rat li z-zewg konvenji huma kundizzjonati li suggett li jsir il-kuntratt l-iehor ghas-sehem rimanenti fil-proprjeta'.

Rat l-ittra ufficcjali interpellatorja datata 4 ta' Dicembru, 2020 indirizzata lill-intimati kollha ghajr Cassar Torreggiani a fol. 16 tal-process. Rat ukoll l-ittra ufficcjali simili datata 4 ta' Dicembru, 2020 indirizzata lill-intimati Cassar Torregiani a fol. 18 tal-process. Rat ir-risposta ghall-istess esebita a fol. 30 tal-process u rat ir-risposta wkoll tal-intimat Cassar Torreggiani datata 22 ta' Dicembru, 2020 esebita a fol. 33 tal-process.

Rat l-att ta' donazzjoni bejn l-intimati Cassar Torreggiani datat 25 ta' Mejju, 2018 esebit a fol. 27 tal-process.

**Rat l-affidavit ta' Robert Zammit, direttur tas-socjeta' rikorrenti a fol. 38 et seq tal-process.** Huwa jaghmel emfasi fuq li l-intimati qed jipretendu sehmijiet diversi fil-proprjetajiet in vendita w'ghalhekk in vista tal-investiment li r-rikorrenti ser taghmel esiga li din il-kwistjoni tigi solvuta. Jsostni wkoll li ghar-rigward tat-Tabib John Aquilina ghalih mhux car il-vesti li fih iffirma l-konvenju stante li jidher li ghandu wkoll parti mill-proprjeta'. Dwar il-presenza ta' missieru Raymond Zammit fil-kawza odjerna jghid li din ma kienx hemm bzonnha stante li hu personalment ma obbligax ruhu li jbiegh ebda proprjeta'. Dwar id-donazzjoni bejn l-intimati Cassar Torreggiani jixhed li hu ma kienx jaf biha u ghandu dubju kemm setghet issir la darba l-proprjeta' kienet soggetta ghal konvenju. Jinsiti li sal-intavolar tal-kawza l-intimati kien ghadhom ma ddikjaraw l-ebda qbil dwar is-sehmijiet rispettivi taghhom. Jghid li jekk l-intimati ma jiftehmux bejniethom dwar l-ishma hu ma jistax

imexxi bil-kuntratt minghajr ordni tal-Qorti. Izid ukoll li skont hu id-donazzjoni u l-konvenji ma jikkombacawx ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Dwar id-dritt li jwaqqa' l-konvenju jekk ma johrogx il-permess jghid li din kienet prerogattiva tas-socjeta' kumpratrici biss u mhux tal-vendituri.

**Rat l-affidavit ta' Raymond Zammit ukoll direttur tas-socjeta' rikorrenti li huwa fuq l-istess linja ta' dak ta' Robert Zammit suespost a fol. 41 et seq tal-process.**

**Semghet u rat ix-xhieda tan-Nutar Malcolm Mangion f'dawn il-proceduri a fol. 48 et seq tal-process** . Minn din ix-xhieda johorgu principalment dawn il-punti:

1. Li kellhom isiru zewg konvenji ghaliex l-intimati bejniethom ma kienux qed jaqblu dwar l-ishma rispettivi fuq zewg proprjetajiet li kienu qed jinbieghu (konsistenti f'dar wahda u gnien warajha izda derivazzjoni separata);

2. Il-prezz kien wiehed shih ghaz-zewg proprjetajiet;

3. Jixhed li skont ir-ricerki filwaqt li fuq il-parti ta' quddiem l-intimati (eskluzi Cassar Torreggiani) ghandhom ¼ u Cassar Torreggiani ghandu ¾ , fuq il-parti ta' wara huma ghandhom 1/3 u Cassar Torreggiani ghandhom 2/3 u huwa hawnhekk li hareg id-disgwit bejniethom. L-intimati baqghu ma qablux li hekk huma l-ishma taghhom u kif ser jinqasam il-prezz tal-bejgh. Jinsisti li llum bilfors irid jitnizzel fil-kuntratt kull parti is-sehem taghha mill-prezz x'ser ikun.

4. Jghid li originarjament kienet kwistjoni ta' kwota biss u llum hija kwistjoni ta' kwota u kwistjoni anki ta' dimensjoni u *layout*, cioe' kemm ser jinghata valur lill-liema parti in vendita.

5. Jaqbel illi z-zewg konvenji jaghmlu referenza ghall-prezz globali wiehed.

6. Jghid li ghalkemm l-intimati qablu fit-tieni konvenju li jbieghu kwalunkwe sehem li ghandhom dan ma jsolviex il-problema ghaliex qabel id-domanda kienet x'sehem ghandhom mill-intier u bil-mod kif inkiteb il-konvenju dak seta' jigi sorvolat, izda rrizulta li sehmijiet m'humiex ekwivalenti fiz-zewg proprjetajiet divizi allura la hu w'lanqas ix-xerrej ma jista' jispartixxi l-flus bejn il-proprejta' ta' quddiem u dik ta' wara. Il-konvenju ma jahsibx ghall-eventwalita' li l-prezz irid jinqasam bejn il-proprjeta' ta' quddiem u ta' wara.

7. Li skont hu l-kwistjoni tad-disparita' bejn iz-zewg proprjetajiet gie a konjizzjoni taghha meta nghalqu r-ricerki fis-sena 2020.

8. Illi jekk il-partijiet lesti li jaghmlu l-kuntratt bil-kwoti kif indikati fil-konvenji jista' jmexxi u jaqbad u jaghmlu izda jghid li lilu hadd ma qallu biex imexxi bil-kuntratt.

9. Illi l-konvenji kienu qed jigu estizi minhabba l-permessi ta' zvilupp. Jghid li fis-sena 2020 kienu z-zewg partijiet li tawh indikazzjoni li l-permess kien appikk li johrog w'ghalhekk saru r-ricerki.

10. Jikkonferma li hadd mill-partijiet ma resaq u talbu sabiex isir il-kuntratt.

Rat a fol. 62 et seq tal-process in-nota li permezz taghha gew esebiti r-ricerki li saru minn Nutar Malcolm Mangion u hadet nota tal-kontenut tal-istess. Rat li maghhom giet annessa nota spjegattiva tal-istess ricerki a fol. 63.

Rat in-nota tal-intimati a fol. 849 tal-process li permezz taghha gew esebiti kopja tad-Decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datat 3 ta' Frar, 2022 (fol. 850 et seq) li permezz taghha l-applikazzjoni giet rinvijata lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tigi rikonsidrata abbazi ta' pjanti kif indikat mit-Tribunal u erba' estensjonijiet tal-konvenji a fol. 862 et seq mal-intimti mhux Cassar Torregiani.

**Rat l-affidavit tal-intimat Edward Cassar Torregiani a fol. 867 et seq tal-process.** Jixhed li ma jafx ghalfejn fil-konvenju originali tnizzel li hu kien qed ibiegh ¾ miz-zewg proprjetajiet ghaliex hu kien jaf u bejniethom il-vendituri dejjem kienu maqbula li hu ghandu sehem ta' tlett kwarti indivizi tad-Dar filwaqt illi s-sehem tieghu mill-Gnien ta' Fuq kien ta' zewg terzi. Izid:

'Il-konvenju kien suggett ghall-hrug ta' permessi ghal bini ta' lukanda ta' mhux anqas minn 63 kmamar, ghal self minn bank lokali ghax-xiri u zvilupp tal-lukanda u kif ukoll li jigi ffirmat konvenju mat-tfal tal-kugini sabie jigi akkwistat sehemhom mill-istess.

Dan il-konvenju kien gie ffirmat fil-31 ta' Awissu 2017. Peress illi fuq il-konvenju konna ftehemna prezz ta' €4,800,000 ghall-intier tal-proprjeta, ftit xhur wara Ray u Robert kienu talbuni li nemendaw il-mod kif jien kont ser nithallas il-prezz ta' sehemi u dan kien sabiex huma jkunu jistghu jaslu fi ftehim mat-tfal tal-kugini dwar kif ser jithallas il-prezz dovut lilhom ghal sehemhom. Dan il-ftehim

gie ffirmat fit-2 ta' Novembru 2017 (Dok: 'ECT1') u fi kliem iehor, sa minn dakinhar, il-kompratur kien jaf illi l-prezz shih tal-proprjeta kien ser jinqasam. Nghid ukoll illi jien u l-Avukat Ramon Rossignaud kollna wkoll miftehmin dwar din il-qasma fil-prezz globali, kif anke gie ivverbalizzat fis-seduta tal-Qorti tat-30 ta' Novembru 2021 (Dok: 'ECT2'), u tant illi jien kont qed naccetta wkoll illi filwaqt li t-tfal tal-kugini jiehdu sehemhom mill-prezz fuq il-kuntratt finali, il-hlas dovut lili kien ser jithallas fuq medda ta' tlett snin minghajr imghax.

Irrid nerga' nenfasizza wkoll illi sew jien u sew l-Avukat Ramon Rossignaud qatt ma kellna l-icken dubbju jew dizgwid dwar x'kien is-sehem indiviz rispettiv taghna mill-proprjetajiet imsemmija u x'kienet il-provenjenza taghhom. Id-Dar kollna writniha jien, ohti Joan, ohti Juliet u z-ziju Victor Peralta, f'ishma indaqs bejnietna, mill-eredita' ta' Gaetano u Emily Borg Olivier. It-tfal tal-kugini kienu akkwistaw sehemhom minn din il-proprjeta b'legat minghand iz-ziju Victor, li kien guvni, wara mewtu. Mill-banda l-ohra, il-Gnien ta' Fuq konna xtrajnih (fost proprietajiet ohra) jien, ohti Joan u z-ziju Victor Peralta, f'ishma ndaqs bejnietna, minghand iz-zija Emily Borg Olivier, matul hajjitha. Ghalhekk ma kienx hemm wisa fejn nitfixklu u konna lkoll nafu illi jien u ohti Joan, bejnietna kellna tlett kwarti mid-Dar u zewg terzi mill-Gnien ta' Fuq, filwaqt illi t-tfal tal-kugini kienu akkwistaw l-ishma indivizi rimanenti minghand iz-ziju Victor. Nghid ukoll illi hadd, lanqas in-Nutar jew l-ufficju tieghu, ma qatt talbuna biex nispjegaw kif dawn il-proprjetajiet kien gew ghandna, ghaliex li kienu staqsew, jien ghandi kopja ta' kull kuntratt u dokument relattiv. Nghid ukoll, ghall-precizjoni, illi fit-terminu tal-konvenju, jiena kont akkwistajt sehem ohti Joan mill-proprjetajiet imsemmija b'kuntratt ta' donazzioni tal-25 ta' Mejju 2018, fl-atti tan-Nutar Dottor Daniela Mifsud Buhagiar, biss niccara wkoll illi dan ma ghamiltux biex

nipprova nehles mill-obbligi tieghi skont il-konvenju li kelli ma' 2R's Limited.

Sadanittant, niftakar li sa eghluq is-sena 2017, kien gie ffirmat ukoll konvenju separat mat-tfal tal-kugini, sabiex b'hekk Robert Zammit kellu konvenji f'idejh ghall-akkwist tal-proprjeta intiera.

Wara dakinhar, dejjem skont id-dokumenti li jien ghandi kopja taghhom fil-pussess tieghi, jiena kont gej imsejjah mill-kompratur sabiex niffirma estensjoni tal-konvenju tieghi fis-16 ta' Awwissu 2018 (fejn il-konvenju gie mgedded sat-28 ta' Frar 2019 - Dok: 'ECT3'), fil-11 ta' Marzu 2019 (fejn il-konvenju gie mgedded sal-11 ta' Settembru 2019 - Dok: 'ECT4'), fis-17 ta' Lulju 2019 (fejn il-konvenju gie mgedded sal-4 ta' Jannar 2020 - Dok: 'ECT5'), fis-26 ta' Frar 2020 (fejn il-konvenju gie mgedded sal-4 ta' Settembru 2020 - Dok: 'ECT6'). F'dawn id-dokumenti jien illum qed ninnota illi hemm riferenzi zbaljati sew ghad-data tal-konvenju originali (billi I-konvenju tieghi gie ffirmat fil-31 ta' Awwisu 2017 u mhux fl-4 ta' Dicembru 2017) u sew ghad-dati tal-estensjonijiet msemmija fid-Dok: 'ECT6' (li ma jaqblux mad-dati hawn fuq indikati). L-ahhar estensjoni saret f'Settembru 2020, fejn il-konvenju gie finalment mgedded sal-4 ta' Dicembru 2020. Wara l-ahhar estensjoni jien u l-Avukat Rossignaud konna iddecidejna illi ma naccettawx estensjoni ulterjuri ghall-konvenji rispettivi taghna.

Kif ghidt qabel, il-konvenju kien suggett ghall-hrug ta' permessi ghal bini ta' lukanda ta' mhux anqas minn 63 kmamar, u kif ukoll ghal self minn bank lokali ghax-xiri u zvilupp tal-lukanda. Dwar dawn il-kundizzjonijiet nghid illi sallum, jigifieri kwazi hames snin wara li gie ffirmat il-konvenju fl-2017, ghadni ma rajt ebda dokument li jindika li 2R's Limited ottjeniet is-self bankarju u naf ukoll illi l-permess ta' zvilupp ghad ma giex ottenut. Qieghed

nezebixxi kopja tal-informazzjoni moghtija fuq il-website tal-Awtorita' tal-Ippjanar illi turi illi l-applikazzjoni originali bin-numru ta' riferenza PA5206/2018 kienet ghadha pendenti (Dok: 'ECT7'), wara li b'decizjoni tat-3 ta' Frar 2022, it-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u I-Ippjanar "*regga lura l-applikazzioni PA5206/18 lill-Awtorita' tal-Ippjanar fi stadju ta' qabel il-case officer report sabiex terga tikkunsidra I-applikazzioni mill-gdid abbazi ta' pjanti riveduti, kif indikat hawn taht li ghandhom jigu pprezentati mill-appellant fi zmien tletin gurnata minn din id-decizioni...*" fejn it-Tribunal imbaghad biex jelenka f'hiex ghandhom jikkonsistu l-pjanti l-godda. Fi kliem iehor, dan ifisser illi l-process ta' applikazzioni ghall-izvilupp ta' 2 R's Limited kien ser jerga' jibda mill-gdid. Nghid ukoll illi minn ezami tal-lista ta' dokumenti li gew sottomessi mill-applikant in konnessjoni mal-imsemmija applikazzioni PA5206/2018, ma jirrizultax illi l-applikant ghad ghandu interess fl-istess applikazzioni billi lanqas aderixxa ruhu mal-ordni tat-Tribunal li jipprezenta pjanti godda fi zmien 30 gurnata mid-data tad-decizjoni tal-istess Tribunal - Dok: 'ECT8'.

Minn dan kollu, ghandu jidher car illi 2R's Limited ghamlet din il-kawza, mhux ghax riedet verament tersaq ghall-kuntratt ta' akkwist tal-proprjetajiet, izda ghaliex ahna l-vendituri konna ddecidejna li ma ngeddux il-konvenju aktar. Ghalhekk il-kawza saret unikament biex 2R's Limited tipprova tirbah iz-zmien biex fil-frattemp tipprova tottjeni l-permess ta' zvilupp li trid taghmel fuq is-sit u tottjeni s-self bankarju.'

Rat l-emenda ghall-konvenju mal-intimat Cassar Torregiani a fol. 810 tal-process li principalment tikkoncerna l-modalita' tal-pagamenti.

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Novembru, 2021 ta' din l-istess Qorti l-intimat iddikjaraw kif isegwi:

'F'dan l-istadju tax-xhieda tan-Nutar Mangion l-avukati tal-intimati minghajr pregudizzju jivverbalizzaw kif isegwi illi l-prezz globali ta' 4.8 miljun ghall-art shiha ghandha tinqasam, kwantu ghal 3,427,229 euro a favur l-intimat Edward Casssar Torregiani u kwantu ghar-rimanenti 1,372,771 euro favur l-intimati Rossignaud u Aquilina kollha f'sehem ugwali.'

Rat a fol. 872 et seq l-estensjoijiet tal-konvenju esebeiti mill-intimat Cassar Torregiani. Rat li l-ahhar estensjoni esebita a fol. 875 tal-process testendi l-konvenju mal-intimat Cassar Torregiani sad-data tal-4 ta' Settembru, 2020 u mhux oltre.

**Rat l-affidavit ta' Dottor Ramon Rossignaud a fol. 888 et seq tal-processs u hadet nota tal-kontentu kollu tal-istess**. Rat li parti sostanzjali minn dan l-affiadvit huma aktar sottomissjonijiet fil-konfront ta' xhieda ohra fl-atti odjerni aktar milli xhieda per se. Finalment fl-ahhar paragrafu jsostni li r-rikorrenti ghamlet xi xoghlijiet fil-proprjeta' in kwistjoni nonostante li ma kinitx awtorizzata u jipprezenta ritratti sabiex jevidenzja dan. Rat ukoll id-dokumentazzjoni kollha annessa ma' dan l-affidavit.

**Rat l-affidavit tal-Perit Edgar Rossignaud a fol. 907 et seq tal-process** li xehed dwar il-parir li kien ta sabiex jigi estiz il-konvenju tal-intimati (eskluzi Cassar Torregiani) pendenti l-permess ta' zvilupp.

**Rat l-affidavit tal-intimat it-Tabib John Paul Aquilina a fol. 909 tal-process** fejn fih jispjega li huwa deher fil-konvenju ghan-nom ta' uliedu u li hu qatt ma kellu ebda sehem mill-proprjeta' in kwistjoni.

Rat id-dokumentazzjoni kollha relattiva ghall-applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp fuq il-proprjeta' in kwistjoni esebita **mix-xhud rapprezentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar Ian Galea a fol. 910 et seq tal-process u li x-xhieda tieghu tinsab a fol. 1063 tal-process.** Jixhed li l-applikazzjoni originarjament giet intavolata mir-rikorrenti fit-8 ta' Mejju, 2018 mill-Perit Edwin Mintoff. Jghid li kien hemm zmien li l-applikazzjoni kienet sospiza fuq talba tar-rikorrenti. Jghid ukoll li din hija talba ghall-permess ta' zvilupp 'outline' li ma jaghtikx il-fakulta li tibni. Jixhed lil wara li l-applikazzjoni giet rinvijata lill-Awtorita' mit-Tribunal, il-Perit tal-applikant talab aktar zmien biex jesebixxi l-pjanti riveduti u li sa fejn jaf hu wara dik l-ittra ma gie ntavolat xejn aktar.

**Rat ix-xhieda ta' Josette Galdes in rapprezentanza tad-Direttur tat-Taxxa fuq il-proprjeta' (fol. 672)** li esebit id-dokumentazzjoni relattiva ghall-konvenji a fol. 1035 et seq tal-process. Taqbel illi skont id-dokumentazzjoni esebita l-konvenji gew mgedda sal-4 ta' Settembru, 2020.

**Rat a fol. 1083 tal-process ix-xhieda ta' Etienne Barbara in rapprezentanza tal-kummissarju tat-Taxxa li esebixxa d-dokumentazzjoni a fol. 1078 et seq** li tevidenzja li l-ahhar li l-konvenju mal-intimati Cassar Torregiani gie estiz kien sal-4 ta' Settembru, 2020 (ara fol. 1078). Mid-dokument a fol. 1080 jirrizulta li l-konvenju mal-intimati l-ohra gie estiz l-ahhar sal-4 ta' Dicembru, 2020.

**Rat ix-xhieda in kontro-ezami ta' Dr. Robert Zammit datata 28 ta' Marzu, 2023 u dik datata 9 ta' Jannar, 2024** minn fejn irrizulta li s-socjeta' rikorrenti kienet dahlet ghal promessa ta' cessjoni ma' terzi dwar il-jeddijiet taghha fuq il-konvenji involuti. Dwar il-fatt li giet

intimata Joan Cassar Torregiani huwa jghid li jissuponi li kien zball minn naha taghhom fil-verita'. Jixhed ukoll li ma kellux bzonn jiehu *loan* ghaliex il-flus kien ser johroghom missieru Raymond Zammit li huwa wkoll direttur tas-socjeta' rikorrenti. Missieru kien f'posizzjoni li jgib dawn il-flus stante li huwa kuntrattur. Il-kundizzjoni tal-*loan* jinkluduha dejjem f'kull konvenju. Dwar il-pjanti l-godda li kellhom jigu prezentati lill-Awtorita' tal-Ippjanar wara d-decizjoni tat-Tribunal jghid li dawn ma gewx prezentati ghaliex iddecidew li jigu prezentati pjanti kompletament differenti minn dawk li kienu gew sottomessi. Ma kienx izda komdu jerga' japplika u jonfoq il-flus pendenti dawn il-proceduri. Jikkonferma wkoll li apparti l-konvenju mal-intimati Cassar Torregiani kien hemm ukoll 'side agreement' maghhom ad eskluzjoni tal-vendituri l-ohra fejn ftehemu li l-intimat kien ser jircievi xi flus ohra biex imorru ghall-karita'.

**Semghet u rat ix-xhieda in kontro-ezami ta' Dr. Ramon Rossignaud a fol. 1116 et seq tal-process** li fiha jixhed principalment kif sar jaf dwar is-'side agreement' mal-intimat Cassar Torregiani fejn jghid li sar jaf bih fix-xhur ta' qabel din ix-xhieda li inghatat nhar id-9 ta' Jannar, 2024. Jaqbel izda li bejn iz-zewg konvenji hemm differenzi u dan ghaliex kien hu stess li ssuggerixxa tibdil fit-tieni konvenju mal-intimati rapprezentati minnu. Jghid li kien wara li sar jaf li skont dan is-'side agreement' il-ftehim kien li lil Cassar Torreggiani jtih €700,000 apparti. Jaqbel illi l-ftehim fil-konvenju sar u l-prezz kien miftiehem fuq il-kundizzjonijiet li propona anki hu u li l-prezz dovut lill-intimati (mhux Cassar Torregiani) kien ser jithallas mal-kuntratt. Jaqbel li ghalkemm hemm zewg konvenji separati b'kundizzjonijiet diversi, il-proprjeta' hija l-istess. Jghid li huma ma kienux kuntenti bil-mod kif kienu qed jigu proposti l-pagamenti mhux bil-prezz. Jghid li l-kundizzjoni dwar il-permess ta' zvilupp taffettwa lir-rapprezentati

tieghu ghaliex ‘kienet kundizzjoni fil-konvenju taghna li hu ma jersaqx ghall-kuntratt’. Skont ix-xhud din il-kundizzjoni kienet favur iz-zewg partijiet. Izid li l-kwistjoni dwar id-differenza fl-ishma giet solvuta bejn il-vendituri, mhux cert jekk din gietx solvuta qabel infethu l-proceduri jew wara.

Rat a fol. 1100 in-nota li permezz taghha giet esebita kopja ta’ promessa ta’ cessjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti relattivi ghall-konvenji in kwistjoni lil terzi datata 13 ta’ Ottubru, 2022, cioe’ wara l-intavolar tal-kawza odjerna.

Rat il-kopja tas-‘side agreement’ bejn ir-rikorrenti u Edward Cassar Torreggiani esebita a fol. 1139 datat 31 ta’ Awwissu, 2017 li principalment taqra kif isegwi:

‘Bis-sahha ta' din l-skrittura privata, il-Kumpratur qieghed iwieghed u jobbliga ruhu li, qabel ma jsir il-kuntratt finali tal-propjeta bl-indirizz 60, 61 u 62, Triq il-Kbira b'faccata ohra fuq Triq L-Gholja ta’ Birkirkara, it-tnejn San Giljan, cioe numru 35, ser tithallas is-somma ta' €700,000, mil-liema somma, €500,000 ser jithallsu lil Venditur sabiex dawn jigi mghotija lil karita tal-ghazla tieghu, u €200,000 li ser jithallsu lil Venditur bhala hlas ta’ l-ghamara li illum tinstab gewwa l-istess propjeta’.

**Semghet u rat ix-xhieda ta’ Edward Cassar Torregiani datata 16 ta’ Mejju, 2024 a fol. 1152** tal-process li jikkonferma l-iskrittura suesposta.

Il-Qorti rat li fin-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom l-intimati ghall-ewwel darba jsemmu li l-intimata Joan Cassar Torreggiani kienet giet nieqsa u dan qabel sahansitra giet intavolata l-kawza odjerna, cioe’ fis-sena 2019.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Eccezzjonijiet preliminari-**

Illi permezz tal**-ewwel eccezzjoni** taghhom l-intimati jsostnu li t-Tabib John Paul Aquilina mhux legittimu kontradittur stante li mhux venditur u li deher fuq il-konvenju taghhom unikament bhala prokuratur ta' uliedu.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti regghet rat il-konvenju datat 4 ta' Dicembru, 2017 u jkollha tammetti li l-mod kif u fejn huwa imnizzel John Paul Aquilina xejn ma hu felici tant li verament jaghti x'jifhem mad-daqqa t'ghajn li huwa wkoll venditur mal-bqija tal-persuni indikati. Verament mill-provi rrizulta li huwa ma ghandu xejn mill-proprjeta' pero' l-Qorti tifhem ir-raguni ghalfejn is-socjeta' rikorrenti ezercitat kawtela meta giet biex tintavola l-kawza odjerna stante li strettament fil-konvenju huwa wkoll indikat bhala venditur. Finalment izda mill-provi gie konfermat li l-intimat John Paul Aquilina deher biss fuq il-konvenju bhala prokuratur w'ghalhekk huwa minnu li mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri in vista li dawk li huwa rrapprezenta gew imharrka personalment. Il-Qorti ghalhekk ser tilqa' din l-ewwel eccezzjoni tal-intimati filwaqt li izda in vista tal-incertezza dwar dan il-punt li tohrog mill-konvenju tordna li din l-eccezzjoni tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

Illi permezz tat-**tielet eccezzjoni** taghhom l-intimati jsostnu li t-talbiet f'dak l-istadju ma setghux jigu diretti kontra Joan Cassar Torregiani stante li permezzz ta' kuntratt ippubblikat fil-25 ta' Mejju, 2018 hi ttrasferiet lil huha Edward Cassar Torregiani, b'donazzjoni rrevokabli, sehemha mil-proprjeta' mertu tal-kawza.

Illi dwar din l-eccezzjoni l-Qorti tirrileva l-punti segwenti:

(i) Illi fil-konvenju tal-31 ta' Awwissu, 2017 Edward Cassar Torregiani deher kemm f'ismu kif ukoll f'isem ohtu Joan Cassar Torregiani;

(ii) Illi hareg car mill-atti li s-socjeta' rikorrenti kienet principalment taghmel it-trattativi fuq dan il-konvenju mieghu u mhux ma Joan Cassar Torregiani li ma tirrizulta mkien fil-provi, tant li anki id-dokumenti li permezz taghhom gie mgedded il-konvenju dejjem gew iffirmati biss minn Edward Cassar Torregiani;

(iii) Illi mill-provi hareg ampjament ppruvat li s-socjeta' rikorrenti pendenti l-konvenju u t-tigdid tieghu ghal xi raguni ma gietx infurmata mill-intimati li Joan Cassar Torregiani kien ghaddiet b'donazzjoni sehemha lil huha u wisq anqas li din giet nieqsa fis-sena 2019. Din il-Qorti tiskanta kif sahansitra fir-risposta tal-intimati, ghalkemm Joan Cassar Torregiani thalliet barra u ma saret l-ebda risposta f'isimha, mkien ma ssemma li din giet nieqsa fis-sena 2019 u dan issemma biss fin-noti ta' sottomissjonijit fl-ahhar tal-proceduri.

Illi minn dak suespost, l-Qorti tqis li s-socjeta' rikorrenti ma kellha l-ebda tort li ntavolat il-kawza odjerna wkoll kontra l-istess Joan Cassar Torregiani stante li kienet parti fil-konvenju filwaqt li ma gietx infurmata la bit-trasferiment tal-proprjeta' u wisq anqas bil-mewt taghha. Minn naha l-ohra l-fatt li l-proprjeta' in kwistjoni lahqet ghaddiet ghand Edward Cassar Torregiani jfisser li l-partijiet fil-kawza xorta wahda huma integri. Il-Qorti ghalhekk filwaqt li ser tghaddi sabiex tilqa' din it-tielet eccezzjoni tal-intimati u tillibera f'dan l-istadju lil Joan Cassar Torregiani mill-gudizzju ghal

dak li jista' jiswa f'dan l-istadju, tqis li l-intimati ghandhom jissopportaw l-ispejjez ta' din l-eccezzjoni.

Illi fit-**tieni eccezzjoni** taghhom l-intimati jqajjmu wkoll in-nuqqas ta' ntegrita' ta gudizzju ghaliex Raymond Zammit mhux parti fil-kawza odjerna nonostante li fil-konvenju mal-intimati mhux Cassar Torregiani huwa ffirmat l-istess bhala Garanti ghall-obbligi tas-socjeta' rikorrenti partikolarment il-pagamenti dovuti.

Illi din il-Qorti wara li rat l-atti tqis li l-intimati m'ghandhomx ragun dwar dan il-punt. Bhala garanti Raymond Zammit ma kellu l-ebda locus standi li hu stess iharrikhom sabiex jersqu ghall-iffirmar tal-kuntratt finali filwaqt li certament ma setax jigi mharrek bhala intimat biex jirrispondi ghad-domandi rikorrenti. Mill-atti partikolarment mill-affidavit tieghu hareg car li Raymond Zammit, li fuq kollox huwa wkoll direttur tas-socjeta' rikorrenti, ghandu kull intenzjoni li jersaq ghall-kuntratt pubbliku jekk dan jigi ordnat li jsir (mhux ser ikun hu li jwaqqaf negozju li s-socjeta' tieghu qed titlob li din il-Qorti tordna li jsir) w'ghalhekk il-Qorti ma tqisx li din it-tieni eccezzjoni tal-intimati hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess filwaqt li tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**Mertu:-**

Illi kif gia ampjament suespost din il-kawza tikkoncerna zewg konvenji li izda flimkien suppost jghaqqdu l-proprjeta' shiha kif deskritta fir-rikors guramentat tant li l-prezz li inghata fiz-zewg konvenji huwa wiehed shih ghaz-zewg konvenji. Fir-rikors guramentat is-socjeta' rikorrenti ssostni li l-konvenju tal-31 ta' Awwissu 2017 gie debitament imgedded u registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u validu sal-4 ta' Dicembru, 2020. Dwar it-tieni konveju datat 4 ta' Dicembru, 2017 tghid ukoll li dan

gie debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi interni u kien validu sal-4 ta' Dicembru, 2020.

Johrog ghalhekk car lil din il-Qorti li l-azzjoni tar-rikorrenti tibbaza ruhha fuq l-asserzjoni li l-konvenji kienu t-tnejn validi sal-4 ta' Dicembru, 2020 u jekk dan jirrizulta li ma kienx minnu allura jinqala ntopp mhux zghir ghall-azzjoni tar-rikorrenti.

Illi kif irrizulta mill-analizi tal-provi suesposti, fl-atti gew prezentati provi sufficjenti li jevidenzjaw li t-tieni konvenju datat 31 ta' Awwissu, 2017 effettivament baqa' jigi mgedded sal-4 ta' Dicembru, 2020 (ara d-dokumentazzjoni a fol. 1035 sa 1062 u 1078 sa 1082) filwaqt li mill-provi mressqa da parti tar-rapprezentanti tal-Kummissarju tat-Taxxi interni rrizulta li jekk kien hemm tigdid tal-konvenju mal-intimati Cassar Torregiani dan ma giex registrat mal-istess u l-ahhar tigdid registrat kien validu sal-4 ta' Settembru, 2020.

Illi da parti taghha s-socjeta' rikorrenti ssostni li kien hemm ukoll tigdid tal-konvenju mal-intimat Cassar Torregiani sal-4 ta' Dicembru, 2020 u li gara hu li dan ma giex registrat, tinsisti li dan legalment ma jgibx l-invalidita tat-tigdid fil-ligi.

Illi din il-Qorti fliet diversi drabi l-atti odjerni u mkien ma sabet kopja tal-estensjoni li suppost saret mal-intimat Cassar Torregiani sal-4 ta' Dicembru, 2020. Fil-fatt man-nota tal-istess socjeta' rikorrenti li permezz taghha sostniet li qed jigu esebiti l-estensjonijiet a fol. 849 et seq tal-process gew esebiti biss kopji tal-estensjonijiet mal-intimati l-ohra u mhux mal-intimat Cassar Torregiani. Mid-dokumentazzjoni annessa mal-affidavit tal-intimat Edward Cassar Torregiani a fol. 867 jirrizulta li l-ahhar

tigdid kien effettivament sal-4 ta' Settembru, 2020 u giet esebita kopja tieghu a fol. 875 tal-process.

Illi jirrizulta ghalhekk li din mihiex kwistjoni li sar it-tigdid u ma giex registrat izda assolutament ma sar l-ebda tigdid mal-intimat Edward Cassar Torregiani b'dana li l-konvenju datat 31 ta' Awwissu 2017 skada b'mod assolut mal-iskadenza tal-jum tal-4 ta' Settembru, 2020. L-ittra ufficcjali notifikata lill-intimat Cassar Torregiani ggib id-data tal-4 ta' Dicembru, 2020 u l-kawza giet intavolata nhar id-29 ta' Dicembru, 2020. Jirrizulta ghalhekk li din il-Qorti hija prekluza milli tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-konvenju datat 31 ta' Awwissu, 2017 stante li ma kienx ghadu effettiv kif trid il-ligi.

Illi fir-rigward tat-tieni konvenju mal-intimati l-ohra l-Qorti rat li dan jaqra kif isegwi:

'(xiii) Soggett li l-ko-proprjetarji l-ohra tal-Propjeta in vendita jbieghu s-sehem taghhom lil Kumpratur skont konvenju diga' vigenti.'

Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li l-konvenju tal-intimati mhux Cassar Torregiani jiddependi kompletament fuq il-validita' tal-konvenju l-iehor u li dak il-bejgh isir ukoll. Fil-kaz odjern jirrizulta li din il-Qorti hija prekluza milli tordna li l-intimat Cassar Torregiani jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali stante li l-konvenju kien skada qabel gew intavolati l-proceduri odjerni. Jsegwi li allura li fil-kaz tat-tieni konvenju tiskatta wkoll il-klawzola (xiii) li tassoggetta dan il-konvenju ghall-bejgh konstestwali ta' sehem l-intimat Cassar Torregiani skond konvenju li effettivament m'ghadux vigenti.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ghajr li ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti. Stante li t-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet huma konsegwenzjali ghas-success tal-ewwel talba, l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll dawn it-talbiet filwaqt li bl-ebda mod ma ghandu jinftiehem li l-Qorti f'dan l-istadju qed taccetta li f'kaz bhal dak odjern ir-rikorrenti setghu legalment iressqu t-talbiet kif esposti fit-tieni u t-tielet talba taghhom.

Dwar is-sitt, is-seba' u t-tmien talba relatati mad-danni, stante li n-nuqqas ta' ordni sabiex l-intimati jaddivjenu ghall-kuntratt mihiex rizultat ta' xi nuqqas ta' obbligu da parti tal-intimati, l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess. Fi kwalunkwe kaz, fl-atti ma tressqu l-ebda provi dwar l-allegati danni sofferti.

Illi in vista tas-suespost, stante li n-nuqqas ta' validita' ta' wiehed mill-konvenji nvoluti jimmina u jgib fix-xejn l-azzjoni odjerna, l-Qorti tqis li jkun superfluwu li tinoltra ruhha oltre fl-eccezzjonijiet l-ohra mqajjma mill-intimati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati b'dana izda li din ghandha tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet;
2. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimati bl-ispejjez izda kontra l-istess intimati;
3. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati bla taxxa bejn il-partijiet;

4. Stante li rrizulta li l-konvenju datat 31 ta' Awwissu, 2017 mal-intimat Cassar Torregiani skada nhar l-4 ta' Settembru, 2020 b'dana li ma kienx ghadu validu sal-4 ta' Dicembru, 2020 kif premess fir-rikors guramentat u stante li l-konvenju datat 4 ta' Dicembru, 2017 jiddependi fuq il-validita' tal-ewwel konvenju kif suespost, tghaddi sabiex tichad mill-ewwel sal-hames talba tar-rikorrenti;

5. Stante li ma rrizultax li l-intimati naqsu milli jonoraw xi obbligi assunti minnhom kif suespost, tghaddi sabiex tichad is-sitta, is-seba' u tmin talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

6. Tilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tal-intimati limitatament izda sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz.

Bl-ispejjez li ghadhom mhux decizi kontra s-socjeta' rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' April, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**29 ta' April, 2025**